MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 1092/1992/1

**Gabriel Pellegrini ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Middle Sea Insurance Co. Limited kif surrogata fid-drittijiet tas-socjeta Mid-Med Bank Limited**

**vs**

**James Gustav Gollcher u Karl Gollcher ghan-nom u in rappresentanza ta' Gollcher Company Limited bhala agent u in rappresentanza tas-socjeta estera Ellerman Lines plc ezercenti l-kummerc ukoll bl-isem Cunard Ellerman Lines/Mediterranean Container Services**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:

Illi gew ittrasportati mill-Ingilterra ghal-Malta tlett (3) palletts konsistenti fi tmien (8) reels “security cheque printing paper” destinati lis-socjeta Mid-Med Bank Ltd., permezz tal-vapur “Kalkara” li hu operat u/jew li taghha huma armaturi jew proprjetarji s-socjeta Ellerman Lines plc li ukoll tezercita l-kummerc bl-ismijiet Cunard Ellerman lines/Meditteranean Container Services u li taghhom huma agenti l-konvenuti kif jirrizulta mill-polza tal-kariku relattiva li qed tigi esebita bhala dokument A.

Illi wara li l-vapur wasal malta fil-15/16 ta’ Awissu 1991 u sussegwentement il-merkanzija giet irtirata rrizulta illi kien hemm hsarat u bhala rizultat s-socjeta Mid-Med Bank Ltd. sofriet danni.

Illi s-socjeta assikuratrici attrici ghamlet tajjeb ghal dawn id-danni billi hallset lis-socjeta Mid-Med Bank Ltd. is-somma ta’ erba’ mija u tnejn u sebghin lira maltin (Lm472) u giet surrogata fid-drittijiet tal-istess Mid-Med Bank Ltd. kif jidher mis-surroga li qed tigi esebita bhala doument B u hallset ukoll hamsa u tletin lira maltin (Lm35) drittijiet ghas-survey.

Illi ghal hsarat u konsegwenzjali danni huma responsabbli l-konvenuti noe minhabba negligenza u/jew inadempjenza fl-obbligi taghhom.

Illi l-konvenuti nomine, ghalhekk interpellati biex jaghmlu tajjeb ghal dawn id-danni, baqghu inadempjenti.

Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenuti nomine jghidu ghaliex din il-Qorti, in vista tal-premess, m’ghandiex: -

tiddikjarahom responsabbli ghal hsarat u danni fuq imsemmija.

tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta’ hames mija u seba liri (LM507) jew ammont verjuri li joghgobha tillikwida il-Qorti.

tikkundannahom biex ihallsu lill-attur nomine kif surrogat fid-drittijiet ta’ Mid-Med Bank Limited l-ammont hekk likwidat bhala dovut in linea ta’ danni.

Bl-ispejjes u l-imghax legali kontra l-konvenuti noe li gew ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes stante illi l-esponenti nomine qdew fedelment l-inkarigu taghhom u jekk gara xi hsara din ma gratx b’xi tort taghhom jew meta il-merkanzija kienet fil-kustodja taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mull-Assistent Gudizzjarju.

Rat l-atti l-ohra kolha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:

Mill-provi jirrizulta li s-socjeta’ Mid-Med Bank Limited importat gewwa Malta mill-Ingilterra mal-bastiment “Kalkara” tlett (3) palletts konsistenti fi tmien (8) reels “security cheque printing paper.” Is-socjeta estera Ellerman Lines plc li tezercita l-kummerc that l-isem “Cunard Ellerman lines” jew “Meditteranean Container Services” huma l-proprjetarji jew l-armaturi tal-imsemmi bastiment. Is-socjeta’ lokali “Gollcher Company Limited hi l-agent hawn Malta tal-istess bastiment. Jirrizulta inoltre li l-bastiment dahal Malta fil-15 ta’ Awissu 1991 u l-

imsemmija socjeta' importatrici rtirat il-merkanzija in kwestjoni. Irrizulta li l-merkanzija kienet garbet xi hsarat u kwindi s-socjeta' importatrici sofriet danni. F'dan ir-rigward jirrizulta li tnejn (2) mill-imsemmija "reels" gew danneggjati b' mod li ma setghax isir 'cheque paper' minnhom u dan peress li l-'core' tar-'reel' gie mghaffeg b' mod li ma setghax jintuza fuq il-'printing machine.' Il-pallettes li fiqhom gew l-imsemmija 'reels' kienu danneggjati wkoll. Ir-"reels" danneggjati kellhom jigu distrutti "for security puposes."

Fic-citazzjoni s-socjeta' assikuratrici attrici tippremetti li hi kellha taghmel tajjeb ghall-imsemmija danni u hallset lis-socjeta' importatrici s-somma ta' erba' mija u tnejn u sebghin liri maltin  (Lm472) u b'hekk l-istess socjeta' attrici assikuratrici giet surrogata fid-drittijiet kollha tas-socjeta' importatrici. (Dokument 'B'). Kien sar ukoll "suvey" u ghal dan is-survey thallset is-somma ta' hamsa u tletin lira maltin (Lm35). Is-socjeta' attrici assikuratrici tkompli tippremetti li l-konvenuti nomine huma responsabbli ghal dawn il-hsarat u ghad-danni konsekwenzjali. Fuq dawn il-premessi s-socjeta assikuratrici attrici qed titlob li l-konvenuti nomine jigu dikjarati responsabbli ghall-dawn id-danni, li jigu likwidati l-istess danni u li l-istess konvenuti nomine jigu  kundannati jhallsu id-danni hekk likwidati.

Da parti taghhom il-konvenuti nomine qed jeccepixxu li huma qdew fedelment l-inkarigu lilhom moghti u jekk grat xi hsara, din ma gratx b'xi tort taghhom jew fil-hin li l-merkanzija kienet fil-kustodja taghhom.

Jirrizulta ukoll li l-ftehim kien li l-"carrier" kellu r-responsabilita' li jwassal il-merkanzija fil-post skond kif

indikat mis-socjeta' importatrici u kwindi l-konsenja kellha issir skond fejn kien ibdikat mis-socjeta importatrici. Il-"Cargo Surveyor" tal-agenti tal-bastiment ikkonferma li l-merkanzija in kwestjoni ngarret f'container "groupage" u li l-istess merkanzija wasslet Malta f' kundizzjoni tajba. In effetti ma saru l-ebda rimarki dwar il-kondizzjoni tal-merkanzija meta din tnizzlet minn abbord. Ghandu jigi rilevat hawnhekk li l-merkanzija tnizzlet minn abbord fil-container u wara li rnizzlet minn abbord inzammet fl-imhazen tas-socjeta' konvenuta ghal xi granet. Fid-dawl ta' dan kollu jirrizulta li l-hsarat in kwestjoni gew kagunati fil-hin li l-merkanzija kienet fil-pussess tal-konvenuti u cioe' jew waqt it-tragitt bil-bahar jew meta l-merkanzija kienet fl-imhazen tal-agenti tal-bastiment.

Jirrizulta li sabiex is-socjeta' attrici assikuratrici rrisarcit is-socjeta' importatrici ghal dawn il-hsarat thallset is-somma ta' Fic-citazzjoni s-socjeta' assikuratrici attrici tippremetti li hi kellha taghmel tajjeb ghall-imsemmija danni u hallset lis-socjeta' importatrici s-somma ta' erba' mija u tnejn u sebghin liri maltin (Lm472) oltre is-somma ta' hamsa u tletin lira maltin (Lm35) sabiex sar is-survey relatti. B'kollox ghalhekk thallset is-somma hames mija u sebgha liri maltin (Lm507) Id-danni ghandhom jigu likwidati fl-imsemmija somma ta' Lm507, ghal liema danni huma reesposabbli l-konvenuti nomine.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara l-konvenuti nomine bhala responsabbli tal-hsarat in kwestjoni u ghad-danni konsekwenzjali, tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta' hames mija u seba liri maltin (Lm507) ekwivalenti ghal elf, mija u tmenin Ewro u disgha u disghin centezmu (€ 1180.99) u tikkundanna l-konvenuti nomine jhallsu lis-socjeta attrici l-imsemmija somma ta' Lm507 ekwivalenti ghal € 1180.99 in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjes kollha kontra l-konvenuti nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------